# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/418

## tad-19 ta' Marzu 2020

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi direttikontra ċerti persuni, entitajiet u korpifid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK [1] dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.

(2) Fuq il-bażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, jenħtieġ li dawk il-miżuri restrittivi jiġġeddu sat-22 ta' Marzu 2021, l-entrati relatati ma' żewġ persuni elenkati fil-parti A tal-Anness jenħtieġ li jiġu emendati, u l-informazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-parti B tal-Anness jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-22 ta' Marzu 2021.";

(2) l-Anness huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. METELKO-ZGOMBIĆ

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63).

*ANNESS*

I. Fil-parti A tal-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, l-entrati 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "1. | Mohamed Hosni Elsayed Mubarak | Ex-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 4.5.1928<br>Raġel | Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni. |
| 4. | Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh<br>(magħrufa wkoll bħala Heddy Mohamed Magdy Hussein Rassekh) | Mart is-Sur Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-ex President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 5.10.1971<br>Mara | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew għal proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżapproprijazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni, u assoċjata ma' Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak.". |

II. Parti B tal-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK hija sostitwita b'dan li ġej:

"B. Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva taħt il-liġi Eġizzjana:

Id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

Isegwi mill-Artikoli 54, 97 u 98 tal-Kostituzzjoni tal-Eġittu, l-Artikoli 77, 78, 124, 199, 214, 271, 272 u 277 tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu u l-Artikoli 93 u 94 tal-Att dwar l-Avukatura tal-Eġittu (il-Liġi Nru 17 tal-1983) li d-drittijiet li ġejjin huma garantiti taħt il-liġi Eġizzjana:

— lil kull individwu ssuspettat jew akkużat b'reat kriminali:

1. id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju ta' kwalunkwe att jew deċiżjoni amministrattiva;
2. id-dritt li jiddefendu ruħhom personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnhom stess jew, jekk ma jkollhomx mezzi biżżejjed biex iħallsu għall-assistenza legali, din tingħatalhom b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

— lil kwalunkwe individwu akkużat b'reat kriminali:

1. id-dritt li jiġu infurmati minnufih, b'lingwa li jifhmu u fid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħhom;
2. id-dritt għal biżżejjed żmien u l-faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża tagħhom;
3. id-dritt li jeżaminaw jew li jaraw li jiġu eżaminati xhieda kontra tagħhom u li jiksbu l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tagħhom;
4. id-dritt li jkollhom assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunux jifhmu jew jitkellmu l-lingwa użata fil-qorti.

Applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

1. Mohamed Hosni Elsayed Mubarak

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Mubarak ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Kawża

Fis-27 ta' Ġunju 2013, is-Sur Mubarak ġie akkużat flimkien ma' żewġ individwi oħrajn b'miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi u fis-17 ta' Novembru 2013 inbdew proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Kajr. Fil-21 ta' Mejju 2014, dik il-Qorti kkundannat lit-tliet konvenuti. Il-konvenuti kkontestaw din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Fit-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti tal-Kassazzjoni annullat il-verdett u ordnat proċess ġdid. Fil-proċess ġdid, fl-4 u d-29 ta' April 2015, ġew ippreżentati eċċezzjonijiet bil-fomm u bil-miktub tal-partijiet. Fid-9 ta' Mejju 2015, il-Qorti Kriminali tal-Kajr ikkundannat lill-konvenuti, ordnat l-għoti lura tal-fondi miżappropriati u ordnat il-ħlas ta' multa. Fl-24 ta' Mejju 2015, tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Fid-9 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Kassazzjoni kkonfermat il-kundanni. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-konvenuti laħqu ftehim fil-Kumitat ta' Esperti mwaqqaf bid-Digriet Nru 2873 tal-2015 tal-Prim Ministru. Dak il-ftehim ġie approvat mill-Kabinett tal-Ministri fid-9 ta' Marzu 2016. Dak il-ftehim ma tressaqx quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni għall-approvazzjoni finali mill-Prosekutur Ġenerali peress illi l-Kumitat ta' Esperti ma kienx il-kumitat kompetenti. Huwa miftuħ għall-konvenuti li jressqu talba għal ftehim lill-kumitat kompetenti, il-Kumitat Nazzjonali għall-irkupru tal-assi li jinsabu barra l-pajjiż (NCRAA). F'Marzu 2019, l-ammont tal-multa ġie rkuprat. Is-somma ta' restituzzjoni qed tiġi rkuprata permezz ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka indirizzati mill-awtoritajiet Eġizzjani lil żewġ pajjiżi terzi.

2. Suzanne Saleh Thabet

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sa Thabet ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sa Thabet u lil individwi oħra milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-konvenut, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak il-konvenut. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta'

projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, il-konvenuti għandhom id-dritt jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sa Thabet ma kkontestatx id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

3. Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Alaa Mubarak ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sur Alaa Mubarak u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-konvenut, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak il-konvenut. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, il-konvenuti għandhom id-dritt jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sur Alaa Mubarak ma kkontestax id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

L-ewwel kawża

Il-konvenut ġie riferut flimkien ma' individwu ieħor lill-qorti tal-proċess (il-Qorti Kriminali tal-Kajr) fit-30 ta' Mejju 2012. Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Qorti bagħtet il-kawża lura lill-prosekuzzjoni pubblika għal aktar investigazzjonijiet. Wara l-konklużjoni tal-investigazzjonijiet, il-kawża reġgħet ġiet riferuta lill-Qorti. Fil-15 ta' Settembru 2018, il-Qorti Kriminali tal-Kajr tat sentenza li permezz tagħha: (i) talbet lill-kumitat ta' esperti li kienet ħatret biex jikkomplementa r-rapport tal-esporti li kien ippreżenta lill-qorti f'Lulju 2018; (ii) ordnat l-arrest tal-konvenuti; u (iii) talbet li l-konvenuti jiġu riferuti lill-Kumitat Nazzjonali għall-irkupru tal-assi li jinsabu barra l-pajjiż (NCRAA) bil-ħsieb ta' rikonċiljazzjoni possibbli. Il-konvenuti kkontestaw b'suċċess l-ordni ta' arrest u, wara mozzjoni ta' skwalifika tal-bord ġudizzjarju, il-kawża ġiet riferuta lil ċirkwit ieħor tal-qorti kriminali biex jiġu riveduti l-merti, li lliberatu fit-22 ta' Frar 2020. Din id-deċiżjoni mhijiex finali u għadha tista' tiġi appellata mill-Prosekuzzjoni Pubblika.

It-tieni kawża

Fis-27 ta' Ġunju 2013, is-Sur Alaa Mubarak ġie akkużat flimkien ma' żewġ individwi oħrajn b'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u fis-17 ta' Novembru 2013 inbdew proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Kajr. Fil-21 ta' Mejju 2014, dik il-Qorti kkundannat lit-tliet konvenuti. Il-konvenuti kkontestaw din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Fit-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti tal-Kassazzjoni annullat il-verdett u ordnat proċess ġdid. Fil-proċess ġdid, fl-4 u d-29 ta' April 2015, ġew ippreżentati eċċezzjonijiet bil-fomm u bil-miktub tal-partijiet. Fid-9 ta' Mejju 2015, il-Qorti Kriminali tal-Kajr ikkundannat lill-konvenuti, ordnat l-għoti lura tal-fondi miżappropriati u ordnat il-ħlas ta' multa. Fl-24 ta' Mejju 2015, tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Fid-9 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Kassazzjoni kkonfermat il-kundanni. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-konvenuti laħqu ftehim fil-Kumitat ta' Esperti mwaqqaf bid-Digriet Nru 2873 tal-2015 tal-Prim Ministru. Dak il-ftehim ġie approvat mill-Kabinett tal-Ministri fid-9 ta' Marzu 2016. Dak il-ftehim ma tressaqx quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni għall-approvazzjoni finali mill-Prosekutur Ġenerali għaliex il-Kumitat ta' Esperti ma kienx il-kumitat kompetenti. Huwa miftuħ għall-konvenuti li jressqu talba għal ftehim lill-kumitat kompetenti, il-Kumitat Nazzjonali għall-irkupru tal-assi li jinsabu barra l-pajjiż (NCRAA). F'Marzu 2019, l-ammont tal-multa ġie rkuprat. Is-somma ta' restituzzjoni qed tiġi rkuprata permezz ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka indirizzati mill-awtoritajiet Eġizzjani lil żewġ pajjiżi terzi.

4. Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sa Rasekh ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sa Rasekh u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-konvenut, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak il-konvenut. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Gharbija tal-Eġittu, il-konvenuti għandhom id-dritt jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sa Rasekh ma kkontestatx id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

5. Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Gamal Mubarak ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sur Gamal Mubarak u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-konvenut, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak il-konvenut. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, il-konvenuti għandhom id-dritt jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sur Gamal Mubarak ma kkontestax id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

L-ewwel kawża

Is-Sur Gamal Mubarak u individwu ieħor ġew riferuti lill-qorti tal-proċess (il-Qorti Kriminali tal-Kajr) fit-30 ta' Mejju 2012. Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Qorti baghtet il-kawża lura lill-prosekuzzjoni pubblika għal aktar investigazzjonijiet. Wara l-konklużjoni tal-investigazzjonijiet, il-kawża reġgħet ġiet riferuta lill-qorti. Fil-15 ta' Settembru 2018, il-Qorti Kriminali tal-Kajr tat sentenza li permezz tagħha: (i) talbet lill-kumitat ta' esperti li kienet ħatret biex jikkomplementa r-rapport tal-esporti li kien ippreżenta lill-Qorti f'Lulju 2018; (ii) ordnat l-arrest tal-konvenuti; u (iii) talbet li l-konvenuti jiġu riferuti lill-Kumitat Nazzjonali għall-irkupru tal-assi li jinsabu barra l-pajjiż (NCRAA) bil-ħsieb ta' rikonċiljazzjoni possibbli. Il-konvenuti kkontestaw b'suċċess l-ordni ta' arrest u, wara mozzjoni ta' skwalifika tal-bord ġudizzjarju, il-kawża ġiet riferuta lil ċirkwit ieħor tal-qorti kriminali biex jiġu riveduti l-merti, li lliberatu fit-22 ta' Frar 2020. Din id-deċiżjoni mhijiex finali u għadha tista' tiġi appellata mill-Prosekuzzjoni Pubblika.

It-tieni kawża

Fis-27 ta' Ġunju 2013, is-Sur Gamal Mubarak ġie akkużat flimkien ma' żewġ individwi oħrajn b'miżappropr-jazzjoni ta' fondi pubbliċi u fis-17 ta' Novembru 2013 inbdew proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Kajr. Fil-21 ta' Mejju 2014, dik il-Qorti kkundannat lit-tliet konvenuti. Il-konvenuti kkontestaw din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Fit-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti tal-Kassazzjoni annullat il-verdett u ordnat proċess mill-ġdid. Fil-proċess mill-ġdid, fl-4 u d-29 ta' April 2015, ġew ippreżentati eċċezzjonijiet bil-fomm u bil-miktub tal-partijiet. Fid-9 ta' Mejju 2015, il-Qorti Kriminali tal-Kajr ikkundannat lill-konvenuti, ordnat l-għoti lura tal-fondi miżappropprjati u ordnat il-ħlas ta' multa. Fl-24 ta' Mejju 2015, tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Fid-9 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Kassazzjoni kkonfermat il-kundanni. Fit-8 ta' Marzu 2016, il-konvenuti laħqu ftehim fil-Kumitat ta' Esperti mwaqqaf bid-Digriet Nru 2873 tal-2015

tal-Prim Ministru. Dak il-ftehim ġie approvat mill-Kabinett tal-Ministri fid-9 ta' Marzu 2016. Dak il-ftehim ma tressaqx quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni għall-approvazzjoni finali mill-Prosekutur Ġenerali għaliex il-Kumitat ta' Esperti ma kienx il-kumitat kompetenti. Huwa miftuħ għall-konvenuti li jressqu talba għal ftehim lill-kumitat kompetenti, il-Kumitat Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi Barra l-Pajjiż (NCRAA). F'Marzu 2019, l-ammont tal-multa ġie rkuprat. Is-somma ta' restituzzjoni qed tiġi rkuprata permezz ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka indirizzati mill-awtoritajiet Eġizzjani lil żewġ pajjiżi terzi.

6. Khadiga Mahmoud El Gammal

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sa El Gammal ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sa Khadiga El Gammal u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-konvenut, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak il-konvenut. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, il-konvenuti għandhom id-dritt jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sa El Gammal ma kkontestatx id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

15. Mohamed Zohir Mohamed Wahed Garrana

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Garrana ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Kawża

L-investigazzjoni marbuta mal-fatti tal-miżappropprjazzjoni tal-fondi jew assi pubbliċi għadha għaddejja. Il-Kunsill ma sab ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Garrana ma ġewx rispettati.

18. Habib Ibrahim Habib Eladli

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Eladli ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Kawża

Is-Sur Eladli ġie riferut mill-imħallef li mexxa l-investigazzjoni lill-qorti tal-proċess kompetenti fuq akkużi ta' miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fis-7 ta' Frar 2016, il-Qorti ddeċidiet li l-assi tas-Sur Eladli, tal-konjuġi tiegħu u tal-iben minorenni tiegħu għandhom jiġu ffriżati. Skont dik id-deċiżjoni tal-Qorti, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni ta' ffriżar fl-10 ta' Frar 2016 f'konformità mal-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-konvenut, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak il-konvenut. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, il-konvenuti għandhom id-dritt jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Fil-15 ta' April 2017, il-Qorti kkundannat lill-konvenut. Il-konvenut ikkontesta din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni, li annullat il-verdett fil-11 ta' Jannar 2018 u ordnat proċess ġdid. Fil-proċess ġdid, fid-9 ta' Mejju 2019 huwa ġie ordnat iħallas multa. Kemm il-Prosekuzzjoni Pubblika kif ukoll is-Sur Eladli appellaw din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Il-kawża għadha pendenti quddiem dik il-Qorti.

19. Elham Sayed Salem Sharshar

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sa Sharshar ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Ir-raġel tas-Sa Sharshar ġie riferut mill-imħallef li mexxa l-investigazzjoni lill-qorti tal-proċess kompetenti fuq akkużi ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fis-7 ta' Frar 2016, il-Qorti ddeċidiet li l-assi ta' żewġha, tagħha u dawk tal-iben minorenni tagħhom għandhom jiġu ffriżati. Skont dik id-deċiżjoni tal-Qorti, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni ta' ffriżar fl-10 ta' Frar 2016 f'konformità mal-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-konvenut, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak il-konvenut. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, il-konvenuti għandhom id-dritt jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sa Sharshar ma kkontestatx id-deċiżjoni tal-Qorti.".